MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2007

Numru. 1183/2006

PULIZIJA
SPETTUR ALEXANDER GRECH
VS
TERRIL GEORGE AZZOPARDI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Terril George Azzopardi, ta' 17-il sena, bin Raymond u Helen nee' Cassar, imwieled Pieta' fis-27 ta' Settembru 1989 u residenti Numru 11/2, Triq il-Mithna, Bormla, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 469489(M), u akkuzat talli fid-29 t'Ottubru 2006, ghal habta ta' xi 7.30pm, waqt li kien fil-Bandli tal-Kalkara, Triq ix-Xatt, Kalkara, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara fl-istess propjeta' ghad-dannu tal-Kunsill Lokali tal-Kalkara, liema hsara hija ta' aktar minn hamsin Lira Maltin (Lm50), u anqas minn hames mitt Lira Maltin (Lm500), ghad-dannu

ta’ l-istess Kunsill Lokali tal-Kalkara, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 4) u tal-imputat (a fol 6) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 5).

Semghet il-konferma ta’ tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikoli 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u Artikolu 7 tal-Kap 446, tqieghdu taht ‘probation order’ ghal sena, taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat; l-eta’ giovannili tieghu; il-fatt illi huwa ‘a first offender’; u l-fatt illi l-imputat hallas il-pendenzi kollha li kellu mal-kwerelant fil-mori tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------